

EMA/432227/2013  
EMEA/H/C/001080

## **Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku**

---

### **Sildenafil ratiopharm**

sildenafil

Dan huwa sommarju tar-rapport pubbliku Ewropew ta' valutazzjoni (EPAR) għal Sildenafil ratiopharm. Dan jispjega kif il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) ivvaluta l-mediċina sabiex wasal għall-opinjoni favorevoli tiegħu li tingħata awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-kondizzjonijiet ta' użu għal Sildenafil ratiopharm.

### **X'inhu Sildenafil ratiopharm?**

Sildenafil ratiopharm huwa mediċina li fiha s-sustanza attiva sildenafil. Jiġi f'għamlu ta' pilloli (25, 50 u 100 mg).

Sildenafil ratiopharm huwa 'mediċina ġenerika'. Dan ifisser li Sildenafil ratiopharm huwa simili għal 'mediċina ta' referenza' digħi awtorizzata fl-Unjoni Ewropea (UE) msejħa Viagra. Għal aktar tagħrif dwar il-mediċini ġeneriċi, ara d-dokument mistoqsijiet-u-tweġibiet [hawnhekk](#).

### **Għal xiex jintuża Sildenafil ratiopharm?**

Sildenafil ratiopharm jintuża fit-trattament ta' rġiel adulti b'disfunzjoni erettili (xi drabi tissejja ħippotenza) meta ma jkunx jista' jkollhom jew ma jkunux jistgħu jżommu l-pene iebes biżżejjed (erezzjoni) għal attivitā sesswali sodisfaċenti. Biex Sildenafil ratiopharm ikun effikaċi, jenħtieġ ikun hemm stimulazzjoni sesswali.

Il-mediċina tinkiseb biss b'riċetta ta' tabib.

### **Kif jintuża Sildenafil ratiopharm?**

Id-doża rakkodata ta' Sildenafil ratiopharm hija 50 mg meħuda kif meħtieġ madwar siegħa qabel l-attivitā sesswali. Jekk Sildenafil ratiopharm jittieħed mal-ikel, il-bidu tal-attivitā jista' jiġi ttardjat apparagun mat-teħid ta' Sildenafil ratiopharm mingħajr ikel. Id-doża tista' tiżid sa massimu ta' 100 mg jew titnaqqas għal 25 mg skont l-effikċċa u l-effetti sekondarji. Il-pazjenti li jkollhom tnaqqis fil-



funzjoni tal-fwied jew tnaqqis gravi fil-funzjoni tal-kliewi għandhom jibdew it-trattament b'25 mg. Id-dożaġġ massimu rrakkomandat huwa pillola waħda kuljum.

## **Kif jaħdem Sildenafil ratiopharm?**

Is-sustanza attiva f'Sildenafil ratiopharm, is-sildenafil, tappartieni lill-grupp ta' mediċini msejħha inibituri tal-fosfodjesterażi tat-tip5 (PDE5). Din taħdem billi timblokka l-enzima fosfodjesterażi, li normalment tkisser sustanza magħrufa bħala gwanożin monofosfat ċikliku (cGMP). Waqt stimulazzjoni sesswali normali fil-pene tiġi prodotta s-cGMP. Din tikkawża r-rilassament tal-muskolu fit-tessut li qis u sponża tal-pene (il-korpora kavernoża). Dan jippermetti li d-demm jimxi fil-korpora, u b'hekk tiġi prodotta erezzjoni. Billi jimbllokka t-tkissir tas-cGMP, Sildenafil ratiopharm ireġġa' lura l-funzjoni erettili. B'danakollu biex tiġi prodotta erezzjoni, xorta tibqa' meħtieġa l-istimulazzjoni sesswali.

## **Kif ġie studjat Sildenafil ratiopharm?**

Billi Sildenafil ratiopharm huwa mediciċina ġenerika, l-istudji fil-pazjenti ġew limitati għal testijiet li jistabbilixx l-bijoekwivalenza tiegħu mal-mediciċina ta' referenza, Viagra. Żewġ mediciċini jkunu bijoekwivalenti meta jipproduċu l-istess livelli tas-sustanza attiva fil-ġisem.

## **X'inħuma l-benefiċċji u r-riskji ta' Sildenafil ratiopharm?**

Minħabba li Sildenafil ratiopharm huwa mediciċina ġenerika u huwa bijoekwivalenti għall-mediciċina ta' referenza, il-benefiċċji u r-riskji tiegħu huma meqjusin bħala l-istess bħal dawk tal-mediciċina ta' referenza.

## **Għaliex ġie approvat Sildenafil ratiopharm?**

Is-CHMP kkonkluda li, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE, intwera li Sildenafil ratiopharm għandu kwalità kumparabbi u li huwa bijoekwivalenti għal Viagra. Għalhekk l-opinjoni tas-CHMP kienet li, bħal fil-każ ta' Viagra, il-benefiċċji jisbqu lir-riskji identifikati. Il-Kumitat irrakkomanda li Sildenafil ratiopharm jingħata awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq.

## **Tagħrif ieħor dwar Sildenafil ratiopharm**

Il-Kummissjoni Ewropea tat-awtorizzazzjoni għat-taqiegħid fis-suq għal Sildenafil ratiopharm valida fl-Unjoni Ewropea kollha fit-23 ta' Diċembru 2009.

L-EPAR shiħi għal Sildenafil ratiopharm jinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: [ema.europa.eu/Find medicine/Human medicines/European public assessment reports](http://ema.europa.eu/Find_medicine/Human_medicines/European_public_assessment_reports). Għal aktar tagħrif dwar il-kura b'Sildenafil ratiopharm, aqra l-fuljett ta' tagħrif (parti wkoll mill-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

L-EPAR shiħi tal-mediciċina ta' referenza jinstab ukoll fis-sit elettroniku tal-Aġenzija.

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar f'06-2013.